IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.3.2016
COM(2016) 133 final

2016/0073 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Konvenzjoni dwar proċedura ta' tranżitu komuni fir-rigward tal-emendi ta' dik il-Konvenzjoni

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Mill-1 ta' Mejju 2016, se japplika r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-atti Delegati u ta' Implimentazzjoni tiegħu (il-pakkett legali tal-KDU). Il-pakkett legali tal-KDU se jieħu post ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità attwali u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill tal-istess Regolament.

Il-proċedura ta’ tranżitu komuni hija estensjoni tal-proċedura ta’ tranżitu tal-Unjoni għall-pajjiżi ta’ tranżitu komuni. Għaldaqstant, il-Konvenzjoni dwar proċedura ta’ tranżitu komuni għandha tiġi emendata sabiex tiġi allinjata mal-pakkett legali tal-KDU fir-rigward ta' ftehimiet ta' tranżitu tal-Unjoni.

Dik l-emenda se tippermetti l-applikazzjoni uniformi u armonizzata tar-regoli ta' tranżitu fl-Unjoni Ewropea u fil-pajjiżi ta’ tranżitu komuni, sa fejn ikun possibbli.

Il-proċess biex tiġi stabbilita pożizzjoni komuni tal-UE dwar abbozz ta’ Deċiżjoni dwar l-emenda għall-Konvenzjoni dwar proċedura ta’ tranżitu komuni għandu jkun relattivament bla intoppi peress li l-kontenut huwa bbażat fuq regoli tal-UE li ġew soġġetti għal ftehim reċentament.

Għaldaqstant, l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill huwa propost biex jagħti l-bażi għall-emenda tal-Konvenzjoni sabiex tkun tista' tingħata l-bażi ġuridika għall-użu tal-proċedura ta' tranżitu komuni emendata malli l-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar id-dwani tal-UE tkun applikabbli.

Il-Kummissjoni hija mistiedna tadotta l-abbozz ta’ Deċiżjoni u li tittrażmetti d-Deċiżjoni lill-Kunsill.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti ta’ politika fil-qasam tal-politika

L-emenda għall-Konvenzjoni hija mmirata lejn l-allinjament tagħha mal-pakkett legali tal-KDU fir-rigward tal-arranġamenti għal tranżitu fl-Unjoni li se jkun applikabbli mill-1 ta’ Mejju 2016.

Dak l-allinjament għandu jtejjeb il-funzjonament tal-proċedura ta’ tranżitu komuni bejn il-Partijiet Kontraenti billi jsaħħaħ l-applikazzjoni uniformi tar-regoli mis-servizzi doganali nazzjonali rispettivi. Dan it-titjib għandu jwassal għal benefiċċji tanġibbli u sostanzjali għall-kummerċjanti u għall-amministrazzjonijiet doganali.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Ma japplikax.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar il-proċedura ta' tranżitu komuni.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklussiva)

Il-proposta taqa’ fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea (politika kummerċjali komuni)

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

L-unika azzjoni possibbli hi din il-forma ta' azzjoni proposta.

Il-forma ta' azzjoni proposta ma tinvolvix spejjeż finanzjarji.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-UE-EFTA.

Ma jeżisti l-ebda strument xieraq ieħor.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ma japplikax.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Saret konsultazzjoni b'approvazzjoni dwar l-abbozz tad-Deċiżjoni Nru X/2016 tal-Kumitat Konġunt UE-EFTA dwar it-tranżitu komuni li temenda l-Konvenzjoni mal-Istati Membri fil-Kumitat tal-Kodiċi Doganali – l-Istatus Doganali u s-Sezzjoni tat-Tranżitu u mal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni fil-Grupp ta' Ħidma UE-EFTA dwar it-"Tranżitu komuni".

Sommarju tat-tweġibiet u kif tqiesu:

Opinjoni favorevoli

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-allinjament tal-Konvenzjoni mal-pakkett legali tal-KDU fil-qasam ta’ arranġamenti ta’ tranżitu tal-Unjoni, li se jkun applikabbli mill-1 ta’ Mejju 2016 sar minħabba emendi għal dik il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Għaldaqstant, valutazzjoni tal-impatt separata dwar l-allinjament tal-Konvenzjoni hija żejda.

L-allinjament xorta se jwassal għal aktar tħaffif fit-tranżitu, għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi u għall-operaturi ekonomiċi, għal tnaqqis possibbli tal-kost u għal żieda fil-kummerċ.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Bħala l-pakkett legali tal-KDU, din il-proposta tipprevedi aktar adegwatezza tal-leġiżlazzjoni ma' prattiċi tan-negozju, appoġġata minn arkitettura ottimali u pjanar għal żviluppi tal-IT, filwaqt li tinkludi s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet privati.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq id-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta’ implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ma japplikax.

- **Id-dokumenti ta' spjega (għad-Direttivi)**

Ma japplikax.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tinkludi emendi għad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni, l-Appendiċi tagħha u l-Annessi ta' dawk l-Appendiċijiet. L-emendi huma ffukati fuq l-allinjament ta’ dawk id-dispożizzjonijiet mal-pakkett legali tal-KDU.

2016/0073 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Konvenzjoni dwar proċedura ta' tranżitu komuni fir-rigward tal-emendi ta' dik il-Konvenzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni bejn il-Komunità Ewropea, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Renju tal-Iżvezja u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar proċedura komuni ta' tranżitu[1] ("il-Konvenzjoni") jagħti lill-Kumitat Konġunt stabbilit permezz ta' dik il-Konvenzjoni ("il-Kumitat Konġunt") il-poter li jadotta, permezz ta' deċiżjoni, emendi għall-Appendiċijiet tagħha;

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni[2] u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu japplikaw mill-1 ta' Mejju 2016, u jintroduċu qafas modernizzat għall-proċeduri doganali, inklużi proċeduri ta' tranżitu.

(3) Biex ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni sabiex il-ftehim ikun aktar effiċjenti u rapidu, il-proċedura ta' tranżitu komuni għandha kemm jista' jkun tkun allinjata mal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 952/2013 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu. Għal dak l-għan, emendi għal din il-Konvenzjoni u l-Appendiċi tagħha kemm fir-rigward tas-sustanza kif ukoll fir-rigward tat-terminoloġija huma indispensabbli.

(4) Sabiex tingħata biżżejjed ċarezza, huwa meħtieġ allinjament terminoloġiku mar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu. L-emendi proposti ġew ippreżentati u diskussi fil-Grupp ta' Ħidma UE-EFTA dwar "it-tranżitu komuni" u "is-simplifikazzjoni tal-formalitajiet fil-kummerċ tal-merkanzija", u t-test ġie approvat b'mod preliminari minn dak il-Grupp ta' Ħidma.

(5) Għaldaqstant, il-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-emenda proposta għandha tibbaża fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni mehmuż,

---

[1] ĠU L 226, 13.8.1987, p. 2.

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Konvenzjoni dwar proċedura ta' tranżitu komuni ("il-Kumitat Konġunt") fir-rigward tal-emendi ta' dik il-Konvenzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Jista' jintlaħaq qbil dwar bidliet żgħar fl-abbozz tad-Deċiżjoni mir-rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt.

Artikolu 2

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President